# L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA
# IL-MALTI
## 2015-2016

Kulleġġ MR SĠP SI SK ST SM SN

## IL-FEHIM MIS-SMIGĦ (Karta tal-Għalliema)

**IR-RABA' SENA** **ROTTA 1** **ĦIN: 15-IL MINUTA**

## Il-Karta tal-Għalliema
### Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom: ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom: ***" Issa se naqralkom is-silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

3. L-għalliema jaqraw is-silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darb'oħra."***

4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.

5. L-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

6. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu l-ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti: ***" Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

L-għalliema għandhom jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru qabel l-istudenti jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Silta 1:

Il-ġranet tal-karnival iressquna lejn dawk li kienu jsejħulhom 'il-ġranet tal-bluha'. Dawn kienu festi mneżżgħa minn kull tifsira reliġjuża. Madanakollu, il-karnival għandu rabta mal-ġranet solenni tar-randan għaliex l-għada li jispiċċa, jaħbat Ras ir-Randan. Hawn min jaħseb li skont iż-żewġ kelmiet *carne vale*, il-kelma 'karnival' ġejja mill-istess tifsira: 'ma jisiwx laħam'. Dan għaliex, sa ftit żmien ilu, kien isir sawm strett fl-erbgħin ġurnata tar-Randan.

L-ewwel karnival organizzat kien fi żmien il-Gran Mastru Pietro del Ponte fil-Birgu. Karatteristika tal-karnival tagħna kienet il-parata; żifna tradizzjonali bix-xwabel li tfakkar ir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin wara l-Assedju l-Kbir tal-1565.

Il-'qarċilla' tidħol ukoll fil-karnival Malti. Din kienet bħal figolla kbira b'figura ta' tfajla liebsa ta' għarusa u b'maskerati li kienu jiċċajtaw b'tieġ fittizju. Il-Gran Mastru Zondadari kien li beda l-'kukkanja'; logħba oħra li fiha kienu jwaqqfu arbli twal mgħottija bi friegħi tas-siġar u weraq u fil-quċċata kienu jarmaw qfief b'kull xorta ta' ikel. Karatteristika oħra ta' dawn il-ġranet kienet il-'kummitiva' b'ċorma nies idoqqu xi strumenti waqt li jiżfnu fit-toroq. Sa qabel l-aħħar gwerra, kienet komuni wkoll is-'satira politika' minn grupp ta' nies riekba fuq karru fl-isfilata jimitaw lil xi politiċi.

**A. Aqta' linja taħt Veru jew Falz skont dak li smajt (10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-ġranet tal-karnival jissejħu wkoll il-ġranet tal-bluha. | Veru | Falz |
| 2. | Il-ġranet tal-karnival m'għandhom x'jaqsmu xejn mar-reliġjon. | Veru | Falz |
| 3. | Ras ir-Randan jaħbat l-għada li jispiċċa l-karnival. | Veru | Falz |
| 4. | Fil-karnival in-nies isumu minn kull xorta ta' ħelu. | Veru | Falz |
| 5. | L-ewwel karnival kien organizzat fil-Belt Valletta. | Veru | Falz |
| 6. | Tradizzjonalment, il-parata kienet żifna li tfakkar ir-rebħa tal-Maltin fl-Assedju l-Kbir. | Veru | Falz |
| 7. | Kien il-Gran Mastru Zondadari li daħħal il-qarċilla fil-karnival Malti. | Veru | Falz |
| 8. | Il-kukkanja qatt ma kienet tagħmel parti mill-karnival Malti. | Veru | Falz |
| 9. | Il-kummitiva kienet tkun magħmula minn grupp ta' nies li kienu jdoqqu l-istrumenti u jiżfnu fit-toroq. | Veru | Falz |
| 10. | Is-satira politika baqgħet komuni sa ftit snin ilu. | Veru | Falz |

## Silta 2:

Nannti kienet tħobb tgħid: "Ħajjitna storja waħda". Naħseb għandha raġun wisq aktar milli hi stess kienet timmaġina, għax mhux biss ħajjitna hija storja, imma tul din il-ħajja aħna ma nagħmlu xejn ħlief nirrakkuntaw l-istejjer. Kull darba li nirrakkuntaw lil ta' madwarna xi ġralna l-bieraħ l-iskola, xi nkwiet li seta' nqalgħalna d-dar jew x'biċċa għamlilna l-kelb, bla ma nintebħu nkunu qed nirrakkuntaw storja bl-introduzzjoni, bl-iżvilupp u bl-għeluq. Inkunu sirna kittieba bla ma biss ktibna vers. Il-bniedem donnu għandu kilba kbira għar-rakkonti. U meta ma jkunx qed jirrakkonta jkun qed jisma'.

Jista' jkun li minn hawn ġejja l-ġibda li kważi lkoll għandna lejn l-istejjer formali. Donnha ġo fina, din hija ġibda naturali daqs dik lejn l-ikel u x-xorb. Kważi stint. Hekk kif nisimgħu lil xi ħadd se jibda rakkont, minnufih inwaqqfu widnejna. U hekk kif jibda r-rakkont nissammru nisimgħuh biex naraw kif se jintemm. Din il-ġibda naturali x'aktarx tilħaq il-quċċata tagħha fit-tfulija. Jista' jkun li peress li t-tfal ikunu għadhom qed jaraw kollox għall-ewwel darba, għadhom qed jiġbru l-ewwel esperjenzi tagħhom u jixorbu kull informazzjoni li jsibu, ir-rakkonti jkollhom fuqhom seħer ikbar.

**Il-Mistoqsijiet:** Agħżel it-tweġiba t-tajba:

1. Tul ħajjitna aħna
   a. ❑ niktbu ħafna stejjer
   b. ❑ nirrakkuntaw stejjer differenti
   ċ. ❑ naraw ħafna affarijiet jiġru quddiemna (marka)

2. L-awtur iqabbel il-ġibda tal-bnedmin lejn ir-rakkonti mal-ġibda
   a. ❑ lejn il-kotba
   b. ❑ lejn in-nanniet
   ċ. ❑ lejn l-ikel u x-xorb (marka)

3. Skont l-awtur, l-ikbar ġibda lejn ir-rakkonti qiegħda

a. ❑ fit-tfal

b. ❑ fl-għalliema

ċ. ❑ fl-anzjani (marka)

4. L-espressjoni "il-bniedem għandu kilba kbira għar-rakkonti" tfisser

a. ❑ il-bniedem ma jħobbx jirrakkonta

b. ❑ il-bniedem iħobb jirrakkonta

ċ. ❑ il-bniedem jaħrab mir-rakkont (marka)

5. *"Twaqqaf widnejk"* tfisser

a. ❑ toqgħod attent

b. ❑ tagħlaq widnejk

ċ. ❑ tnaddaf widnejk (marka)

6. **Imla l-vojt bil-kelma t-tajba skont kif smajt:**

"...bla ma ______________________ nkunu qed nirrakkuntaw ______________________ bl-______________________, bl-iżvilupp u bl-______________________. Inkunu sirna kittieba bla ma biss ktibna ______________________."

(5 marki)